

31996D0081

25.1.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 19/53

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 1996

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE u 94/467/KE li jirrigwardaw kategoriji ta' equidae maskili li għalihom japplikaw ir-reqwiżiti rigward l-equine viral arteritis

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(96/81/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li jirregolaw iċ-ċaqliq u importazzjoni ta' equidae⁽¹⁾, minn pajjiżi terzi, kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikoli 15(b)(ii), 16 u 19(ii) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE⁽²⁾, kif emendati bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 9(1)(c) tiegħu,

Billi wara l-parir tal-Kumitat Veterinarju Xjentifiku, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/329/KE⁽³⁾ li tistabbilixxi l-kategoriji ta' equidae maskili li għalihom il-ħtiġijiet iridu jgħoddu kif jirrigwardaw equine viral arteritis;

Billi l-kundizzjonijiet sanitarji u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati u importazzjoni ta' equidae reġistrati u equidae għat-tnissil u produzzjoni huma stipulati rispettivament fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 92/260/KEE⁽⁴⁾ u 93/197/KEE⁽⁵⁾, it-tnejn kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/323/KEE⁽⁶⁾, u għall-importazzjoni ta' equidae għall-qatla fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE⁽⁷⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 95/322/KEE⁽⁸⁾;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/467/KEE⁽⁹⁾ tistipula garanziji sanitarji għat-trasport ta' equidae minn pajjiżi terzi għal ieħor skond l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE;

Billi d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE u 94/467/KEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

(¹) ĠU L 224, ta' l-1.8.1990, p. 42.
 (²) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.
 (³) ĠU L 191, tat-12.8.1995, p. 36.
 (⁴) ĠU L 130, tal-15.5.1992, p. 67.
 (⁵) ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 16.
 (⁶) ĠU L 190, tal-11.8.1995, p. 11.
 (⁷) ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 7.
 (⁸) ĠU L 190, tal-11.8.1995, p. 9.
 (⁹) ĠU L 190, tas-26.7.1994, p. 28.

Artikolu 1

Fkull wieħed miċ-ċertifikati tas-saħħa A, B, Ċ, D u E ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 92/260/KEE, il-paragrafu (e)(v) tal-Kapitolu "III. Tagħrif dwar saħħa" hu mibdul b'dan li ġej:

"(v) fil-każ ta' annimali maskili mhux imsewwija li għandhom aktar minn 180 jum, kemm jekk equine viral arteritis ġiet uffiċjalment rekordjata matul l-aħħar sitt xhur⁽³⁾;

jew

— l-annimal kien ittestjat⁽⁴⁾ b'kampjun tad-demmm meħud fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi...⁽⁵⁾ b'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għal equine viral arteritis b'riżultat negattiv b'taħlita ta' l f4;

jew

aliquot ta' l-isperma intiera tiegħu kien meħud fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi...⁽⁵⁾ kien ittestjat b'test ta' iżolament ta' virus għal equine viral arteritis b'riżultat negattiv⁽³⁾⁽⁴⁾;

jew

— l-annimal kien vaċċinat fi...⁽⁵⁾ kontra l-equine viral arteritis taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skond il-programm għal vaċċinazzjoni inizjali li ġej u reġa' ġie vaċċinat f'intervalli regolari⁽³⁾⁽⁴⁾.

Programmi għal vaċċinazzjoni inizjali kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjoni: Aqta' barra programmi ta' vaċċinazzjoni li ma jgħoddux għall-annimali deskritti aktar 'l fuq.

(a) vaċċinazzjoni saret fil-jum li fih ittieħed kampjun tad-demmm li sussegwentement irriżulta negattiv ftest ta' newtralizzazzjoni ta' virus b'taħlita ta' l f4; jew

- (b) vaċċinazzjoni saret matul perijodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li jibda fil-jum li ttieħed kampjun tad-demem li ġie ittestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus b'taħlita ta' 1 f'4; jew
- (ċ) vaċċinazzjoni saret meta l-animall kellu minn 180 sa 270 jum, matul perijodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali. Matul il-perijodu ta' iżolament żewġ kampjuni ta' demm meħudin ta' lanqas ftul ta' 10 jiem irriżultaw f'antibody titre stabbli jew nieżla f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għall-equine viral arteritis; ”

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Nru 93/196/KEE hija emendata kif ġej:

1. Il-Paragrafu (e) (v) fil-Kapitolu “III. Tagħrif dwar saħħa” ta' l-ANNESS I huwa mħassar.
2. Il-Paragrafu (e) (v) fil-Kapitolu “III. Tagħrif dwar saħħa” ta' l-ANNESS II hu mibdul b'dan li ġej:

“(v) fil-każ li, il-kunsinna ta' equidae deskritta aktar 'il fuq ikun fiha animalli maskili mhux imsewwijin li għandhom aktar minn 180 jum, jew equine viral arteritis ma kinitx uffiċjalment rekordjata matul l-aħħar sitt xhur ⁽⁴⁾,

jew

— l-animalli maskili mhux imsewwija ġew ittestjati b'kampjun ta' demm meħud fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi... ⁽⁵⁾ b'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv f'taħlita ta' 1 f'4 f'kull każ ⁽⁴⁾,

jew

aliquots ta' l-isperma intiera tagħhom meħudin fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi... ⁽⁵⁾ kienu ittestjati b'iżolament ta' virus għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv f'kull każ ⁽⁴⁾,

jew

— l-animalli maskili mhux imsewwija ġew vaċċinati fi... ⁽⁵⁾ kontra l-equine viral arteritis taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skond il-programm li ġej għal vaċċinazzjoni inizjali u reġgħu ġew vaċċinati f'intervalli regolari ⁽⁴⁾;

Programmi għal vaċċinazzjoni inizjali kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjoni: Aqta' barra programmi ta' vaċċinazzjoni li ma jgħoddux għall-animalli deskritti aktar 'il fuq.

Ivverifika ċertifikazzjoni li tappoġġa ttestjar qabel il-vaċċinazzjoni, vaċċinazzjoni u vaċċinazzjoni mill-ġdid.

Speċifika, fejn xieraq il-programm ta' vaċċinazzjoni għall-animalli identifikati.

- (a) vaċċinazzjoni saret fil-jum li ttieħed kampjun ta' demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus f'taħlita ta' 1 f'4; jew
- (b) vaċċinazzjoni saret matul perijodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il-jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li jibda fil-jum li kampjun ta' demm ikun ittieħed li kien ittestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus f'taħlita ta' 1 f'4; jew
- (ċ) vaċċinazzjoni saret meta l-animall kellu minn 180 sa 270 jum, matul perijodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali. Matul il-perijodu ta' iżolament żewġ kampjuni ta' demm meħudin ta' lanqas 10 jiem 'il bogħod minn xulxin irriżultaw f'antibody titre stabbli jew nieżla f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għall-equine viral arteritis; ”

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni Nru 93/197/KEE hija emendata kif ġej:

1. F'kull ċertifikat ta' saħħa A, B, C, D u E ta' l-ANNESS II, il-paragrafu (e) (v) tal-Kapitolu “III. Tagħrif dwar saħħa” hu mibdul b'dan li ġej:

“(v) fil-każ ta' animalli maskili mhux imsewwijin li għandhom aktar minn 180 jum, kemm jekk l-equine viral arteritis ma kinitx uffiċjalment rekordjata matul l-aħħar sitt xhur ⁽⁴⁾;

jew

— l-animall kien ittestjat b'kampjun ta' demm meħud fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi... ⁽⁴⁾ b'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv f'taħlita ta' 1 f'4 ⁽⁴⁾;

jew

aliquot ta' sperma intier tiegħu meħud fi żmien 21 jum mill-esportazzjoni fi... ⁽⁴⁾ kien ittestjat b'virus ta' iżolament għall-equine viral arteritis b'riżultat negattiv ⁽⁴⁾,

jew

— l-animall ġie vaċċinat fi... ⁽⁴⁾ kontra l-equine viral arteritis taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skond il-programm li ġej għal vaċċinazzjoni inizjali u reġa' ġie vaċċinat f'intervalli regolari ⁽⁴⁾;

Programmi għal vaċċinazzjoni inizjali kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjoni: Aqta' barra programmi ta' vaċċinazzjoni li ma jgħoddux għall-annimali deskritti aktar 'il fuq.

Ivverifika ċertifikazzjoni li tappoġġa ittestjar qabel vaċċinazzjoni, vaċċinazzjoni u vaċċinazzjoni mill-ġdid.

- (a) vaċċinazzjoni saret fil-jum li ttieħed kampjun ta' demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus f'taħlita ta' 1 f'4; jew
- (b) vaċċinazzjoni saret matul perijodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li jibda fil-jum li ttieħed kampjun ta' demm li ġie ttestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus f'taħlita ta' 1 f'4; jew
- (c) vaċċinazzjoni saret meta l-annimal kellu minn 180 sa 270 jum, matul perijodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali. Matul il-perijodu ta' iżolament żewġ kampjuni ta' demm meħudin ta' lanqas 10 jiem 'il bogħod minn xulxin irriżultaw f'antibody titre stabbli jew nieżla f'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus għall-equine viral arteritis; ”

2. Fil-każi ta' ċertifikati ta' saħħa A u B is-sinjali ta' kundizzjoni ^(#) irid jiġi mibdul bi '(2)' u fiċ-ċertifikati C, D u E bi '(3).

Artikolu 4

Fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Nru 94/467/KEE il-kliem “Dan iċ-ċertifikat irid ikun fih Sezzjonijiet I, II u III taċ-ċertifikat ta' saħħa,...” huma mibdulin bil-kliem “Dan iċ-ċertifikat irid ikun fih Sezzjonijiet I, II and III bl-eċċezzjoni tal-paragrafu (e) (v) taċ-ċertifikat ta'saħħa,...”.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-15-il jum wara n-notifika tagħha lill-Istati Membri.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni